**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 22**

**Il-Ġimgħa 18 ta' Diċembru 2020**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-binja tal Kunsill Lokali, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk - fl-4:00 ta' wara nofs in-nhar.

**PREŻENTI:**

Steven Grech – Sindku
Elenia Desira – Viċi Sindku
Daniel Zerafa – Kunsillier
Stephen Caruana – Kunsillier

**SKUŻATI:**

Janice Chetcuti – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Charles Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk. Malta.
☎:21652525, 21650937 marsaxlokk.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/www.marsaxlokklc.com

| | |
|---|---|
| **21.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 22.1.1 | Is-Sinjura Janice Chetcuti ġiet skużata milli tattendi peress li tinsab bi kwarantina. |
| **22.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 22.2.1 | Kopja tal-minuti tas-seduta preċedenti numru 21 tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ta' dawn il-laqgħat ittieħdu bħala moqrija. |
| 22.2.2 | Is-Sin. Elenia Desira ppropóniet u ssekonda Stephen Caruana bħala koretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 21 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **22.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| 22.3.1 | Is-Sindku informa il-Kunsilliera preżenti li wara li ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti li saret fit-28 ta' Novemmbru 2020, rigward il-performance ta' l-aħħar Assistent Prinċipal li daħlet. Nhar it-2 ta' Diċembru 2020, is-Sindku flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġibdu l-attenzjoni tal-aġir żbaljat min-naħa tagħha u wara ġie deċiż li l-impieg tagħha kellu jiġi terminat fit-3 ta' Dicembru 2020. |
| 22.3.2 | Is-Sindku informa il-Kunsilliera preżenti li fit- 2 ta' Diċembru 2020 fit-8:30am Is-Sindku flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mall-Accountant fejn ġie diskuss l-affarijiet kollha relatati mal-Kunsill. |
| 22.3.3 | Is-Sindku informa il-kunsilliera preżenti li fit- 3 ta' Diċembru 2020 fl-10 am is-Sindku kellu laqgħa kellu laqgħa mall-puluzija, fejn attendew l-Assistent Kummissarju tar-Reġjun A flimkien mas-Supretendent u l-Ispettur tad-Distrett u l-Ispettur tal-Community Policing, fejn ġie diskuss il-preżenza tal-puluzija waqt il-monti tal-Ħadd biex isir *patrole* filgħaxijiet fil-Ground tal-futbol minħabba problemi ta' droga, fuq l-ingombru u tneħħija tad-dgħajjes. Ġie diskuss ukoll *illegal Camping* li jsir ġo Dellimara. |
| 22.3.4 | Is-Sindku informa il-Kunsilliera preżenti li fl-4 ta' Diċembru 2020 fit-8.30am is-Sindku kellu laqgħa ma rappreżentant ta' project Plus u Ambjent Malta fejn ġie diskuss il-Ġnien Tal-Kavallerizza. |
| 22.3.5 | Is-Sindku informa il-Kunsilliera preżenti li fil-11 ta' Diċembru 2020, fl-10.00am is-Sindku flimkien mal-Assistent Prinċipal Jordy Brincat kellhom laqgħa mal-*Association of Catering Establishments* fejn ġie diskuss il-monti ta' fost il-ġimgħa. |
| 22.3.6 | Is-Sindku informa il-Kunsilliera preżenti li fl-14 ta' Diċembru 2020 ġie kkuntatjat mis-Sinjura Mary Cachia, sid il-post tal-Kunsill fejn għamlet talba għal żieda fil-kera. Minflok €1,900 il-Kunsill jibda jitħallas €2,000 kull 3 xhur. |
| 22.3.7 | Performance Bonus Tal-Impjegati. Ġie deciż li jingħata l-bonus sħiħ u kien hemm qbil unanimu. |

| | |
|---|---|
| 22.3.8 | B'Referenza għall-iskema Li ħarġet SPI/SCI/7/2020 Smart Solution. Din intbgħatet lill Janice Chetcuti, peress li taqa taħt id-dekasteru tagħha. Ġiet diskussa u sar qbil li l-Kunsill ma japplikawx għaliha |
| 22.3.9 | Korsijiet organizzati mis-Sinjura Janice Chetcuti ġew approvati unanimament |
| **22.4** | **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 22.4.1 | Ma kienx hemm mistoqsijiet |
| **22.5** | **Planning** |
| 22.5.1 | Il-Kunsillier Daniel Zerafa informa li fit-8 ta Jannar 2021 ser ikun hemm Seduta rigward il-Waterpolo Pitch. |
| 22.5.2 | Il-Kunsillier Daniel Zerafa informa li ser tiġi mnidijha l-App tal Kunsill Lokali. Ser issir Web page ġdida sabiex din tkun imqabda mal-istess APP. Staqsa ukoll rigward il-pagament fejn ġie iċċarat li il-ħlas isir skond il-kriterji tal-Kunsill jiġifieri b'xhar lura. |
| **22.6** | **Tqassim tal-Kalendarju 2021** |
| 22.6.1 | Is-Sindku informa li l-Kalendarju tas-sena 2021, wasal u qed jitqassam bieb bieb. Żied ukoll li ma jibdewx jitqasmmu minn ġewwa l-Kunsill lil min ma rċeviex qabel ma jsir it-tqassim kollu. |
| **22.7** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal Pagamenti** |
| 22.7.1 | Proponiet Elenia Desira u ssekonda Stephen Caruana |
| **22.8** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 22.8.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-16:45pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 21 ta'Jannar 2021, fil 16:00pm |

Konfermati, illum 21 ta' Jannar 2021

**IFFIRMATA**

________________________

**Steven Grech**
Sindku

**IFFIRMATA**

________________________

**Charles Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*